

Brussell, 19 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5513/23

SOC 33
EMPL 21
SAN 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Fatra tas-Sur Silvio FARRUGIA, membru għal Malta, minflok is-Sur Mark GAUCI, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Mark GAUCI, bħala membru tal-kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Malta).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01¹, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern ta' Malta nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membri li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Is-Sur Silvio FARRUGIA
Senior Manager (Policy Development and Programme Implementation)
Occupational Health and Safety Authority
17 Triq Edgar Ferro
Il-Pietà
PTA 1533
MALTA
Tel.: + 356 21247677
posta elettronika: silvio.a.farrugia@ohsa.mt

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol; u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003² li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022³ il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Mark GAUCI, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern ta' Malta nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

³ ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Silvio FARRUGIA huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Mark GAUCI, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
